MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Numru. 718/2001
Kawza Numru. 3

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Joseph Theuma bin Salvu u Rose nee Borg li joqghod Nru 36, Triq Gajdoru, Xaghra, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 71449G)**
**u**
**Emanuel Theuma bin Salvu u Rose nee Borg li joqghod Nru 55, Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 21453G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli fid-29 t'Ottubru 2001 ghall-habta tal-11:00 a.m. u f'dawn l-ahhar xhur ezercitaw is-sengha ta' mastrudaxxa fil-fond bla numru u bla isem fi Triq Gajdoru, Xaghra, minghajr il-

licenzja ta' l-Awtoritajiet kompetenti, liema licenzja hija mehtiega mil-ligi jew minn regolamenti maghmula minn Awtoritajiet kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi u aktar talli fl-istess fond haddmu makkinarju li mhux illicenzjat sabiex jithaddmu hemm, kif ukoll dejjqu lill-girien bil-hsejjes u rwejjah li kienu johorgu mill-imsemmi fond.

Il-Qorti hija gentilment mitluba biex f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita mil-ligi tordna t-tnehhija ta' l-imsemmi nkonvenjent taht penali li l-istess Qorti jidhirlha xieraq.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi fl-ewwel lok il-prosekuzzjoni ma specifikatx liema licenzja ta' Awtorita` kompetenti hija mehtiega ghall-allegat xoghol mill-imputati. Minkejja li xehed rapprezentant ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, certament l-akkuza ma kienetx istitwita fuq istanza ta' l-istess Awtorita` ghaliex altrimenti l-akkuza jehtieg tindika tali talba. Fuq in-naha l-ohra hemm l-artikolu 181 tal-Kap 10 izda dan l-artikolu tnehha in forza tal-Kap 441 li tqieghed fis-sehh f'Mejju 2002, ghalhekk dak li bih huma akkuzati l-imputati ma baqax jikkostitwixxi rejat.

Inoltre l-Qorti marret fuq il-post in kwistjoni u assistiet ghall-access fejn ordnat lill-imputati jqabbdu d-diversi magni taghhom u bihom jahdmu injam ta' diversi hxuna u ibbussija u l-livelli ta' hoss irrizultaw negligibbli kif registrati mill-perit tekniku.

Ghal dawn il-mottivi, stante li ma tirrizultax ma ssibx lill-imputati hatja u tilliberahom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------